MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 242/2013

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Vincent Cucciardi K.I. 112877(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' seba' mija u ħamsin Ewro u tletin ċenteżmu (€750.30) – rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon u tat-televizjoni, kont numru *A/C 40147684*, moghtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenut debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, ma

ppreżentax risposta in kontestazzjoni għall-istess talba iżda deher għas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fl-14 t'Ottubru 2013.

Illi fl-istess seduta sema lill-konvenut jixhed bil-ġurament fejn huwa ammetta t-talba attriċi kif dedotta u kkonferma li għandu jħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' seba' mija u ħamsin Ewro u tletin ċenteżmu (€750.30).
It-Tribunal spjega lill-konvenut l-effett ta' tali ammissjoni u ddiferixxa t-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

It-Tribunal ra illi l-partijiet qablu illi l-ħlas isir b'pagamenti rateali ta' ħamsin Ewro (€50) fix-xahar, u li jekk il-konvenut jaqbeż xi pagament, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ, billi fuq ammissjoni tal-istess konvenut, jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-socjeta` attriċi is-somma ta' seba' mija u ħamsin Ewro u tletin ċenteżmu (€750.30), bir-rata ta' ħamsin Ewro (€50) fix-xahar, bl-imgħax legali dekorribbli mit-18 ta' April 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. Jekk il-konvenut jaqbeż xi pagament, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih. L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------